

# L-importanza tas-sostennibilità fl-Għaqdiet Kulturali

**Clayton Bartolo**
*Viċi Sindku*

Ftit taż-żmien ilu kienu ħafna minnha li bdejna nisimgħu dwar l-importanza tas-sostenibilità tal-għaqdiet kulturali, mhux biss dawk Melleħin iżda anke dawk ta' lokalitajiet oħra. Għal ħafna nies din kienet biss kelma li forsi tinstema' bħala bombastika, filwaqt li għall-oħrajn din kienet kelma li ttieħdet bis-serjetà.

Illum il-ġurnata, li għaqda tkun sostenibbli huwa importanti ħafna. Fi kliem sempliċi dan ifisser li kwalunkwe għaqda għandu jkollha l-finanzi tagħha mibnijin fuq sisien sodi bil-għan li l-għaqda tkompli tikber u tiżviluppa b'rata li kapaċi tkun sostnuta għaż-żmien li ġej. Matul dawn l-aħħar snin kienu diversi l-għaqdiet li rreġistraw irwieħhom mal-Kummissarju tal-Għaqdiet Volontarji sabiex jiksbu dak li hu magħruf bħala n-numru tal-VO. Dan ifisser li għaqda tkun rikonoxxuta bħala waħda volontarja u dan joffrilha l-lok li tfittex fondi alternattivi minn dawk tradizzjonali. Din ir-reġistrazzjoni ġabet ukoll ċertu dixxiplina finanzjarja fl-għaqdiet tagħna, għax issa bdew japprezzaw ferm iktar l-importanza li jżommu rekords finanzjarji tajbin u li l-finanzi tagħhom ikunu fis-sod.

Għal ħafna żmien l-għaqdiet tagħna rrikorrew għall-volontarjat sabiex imexxu 'l quddiem il-ħidma tagħhom. Ħidma li għal ħafna żmien tat il-frott u għenet sabiex l-għaqdiet jikbru u jimxu 'l quddiem. Madankollu, illum il-ġurnata huma diversi l-proġetti li ma jistgħux isiru biss bil-volontarjat, iżda jkollok bżonn kuntratturi professjonali sabiex jitwettaq xogħol bżonnjuż mal-għaqda kkonċernata.

Għalkemm il-volontarjat għadu sal-ġurnata tal-lum jilgħab irwol importanti ħafna fi kwalunkwe ħidma li tkun qed twettaq l-għaqda, nieħu din l-okkażjoni sabiex inħeġġeġ l-għaqdiet Melleħin ifittxu sorsi ta' fondi alternattivi u għaldaqstant huwa importantissimu li jkollhom il-fondi tagħhom sostenibbli. Dan anke jfisser li ħidmet l-għaqda tkun waħda sostenibbli sabiex issostni t-tkabbir li hemm bżonn tagħmel għaqda minn żmien għal żmien sabiex ittejjeb u tkabbar il-ħidma tagħha.

Sabiex għaqda tikseb finanzjament alternattiv għad-donazzjonijiet tal-membri tagħha, huwa importanti li tkun kapaċi tiffinanzja d-differenza tal-ispiża. Biex nieħdu eżempju, jekk għaqda tkun qiegħda tfittex li tikseb fondi minn programmi tal-Unjoni Ewropea, irid ikollha biżżejjed riżervi sabiex tiffinanzja l-kumplament tal-ispiża tal-proġett. Il-fondi minn proġetti tal-Unjoni Ewropea qegħdin kulma jmur jagħtu spinta lill-għaqdiet kulturali għaliex ikollhom parti kbira mill-ispiża ffinanzjata minn fondi esterni li ma jkunux jagħmlu parti mir-riżervi ta' dik l-għaqda partikolari.

Fl-isfond ta' dan kollu, kien ta' pjaċir għalija li matul ix-xhur li għaddew ħdimt mal-Għaqda Mużikali Imperial, u kif ukoll ma' għaqdiet oħra, sabiex jottjenu fondi minn programm tal-Unjoni Ewropea. Dawn il-fondi kienu mmirati sabiex l-għaqdiet kulturali ikabbru l-ħidma tagħhom u jtejbu s-servizz li jagħtu lill-membri tagħhom.

Filwaqt li nirringrazzja lill-President u l-Kumitat, is-surmast u l-bandisti u l-membri tal-Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial għax-xogħol tagħhom matul is-sena, nawgura li dawn kollha jkomplu għaddejjin bix-xogħol ħabrieki tagħhom. Tajjeb hawnhekk nirringrazzja wkoll lill-familjari ta' dawn kollha għall-paċenzja tagħhom, ħafna drabi fis-skiet ta' djarhom, waqt li dawn in-nies ikunu qegħdin iwettqu ħidma imprezzabbli b'risq l-għaqda li tant iħobbu. Huwa grazzi għal dawn in-nies li l-għaqda kapaċi żżomm il-finanzi tagħha sostenibbli u fl-istess ħin tagħmel l-aħjar użu possibbli mir-riżorsi għad-dispożizzjoni tagħha.

Nieħu din l-okkażjoni wkoll sabiex nawgura l-Festa t-tajba lill-Melleħin kollha!

Viva Marija Bambina!